MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 305/2009

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Ottubru 2004 kif jindika c-certifikat anness bhala dokument "A". Sa qabel ma zzewgu l-partijiet kellhom tarbija E B li twieldet fit-12 ta' Jannar 2004, Dok. B. Huma ma kinux jizzewgu li kieku ma kellhomx din it-tarbija. Fil-fatt, ghalkemm, sa minn qabel iz-zwieg, l-attur kien imur jorqod mat-tifla ghand omm il-konvenuta, hu qatt ma kien komdu mal-mara izda kien biss preokkupat u mohhu fit-tifla; b'biza' kbir li jitlef lil bintu

– kien ghalhekk li l-attur jizzewweg. Aktar ma qorbot id-data taz-zwieg aktar l-attur hass li ma kellux jizzewweg – baqa' ghaddej bil-preparamenti biss minhabba li biza' li ser jitlef u ser ikollu jiccahhad minn bintu jekk ma jizzewwigx. Jigi rilevat li z-zwieg tkisser cirka tlett gimghat wara li sar kif ser jigi pruvat. Illum il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt datat 24 ta' Novembru 2006, Dok. C;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg gie miksub bi vjolenza morali, jew biza, Art. 19 (1) (a) Kap. 255;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-parti l-ohra; Art. 19 (1) (b) Kap. 255 – l-attrici tbati minn burdati serji li kienu jaghmluha bniedma essenzjalment differenti;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga Art. 19 (1) (c) Kap. 255;

Illi l-kunsens kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg Art. 19 (1) (d) Kap. 255. l-attur ma kienx jizzewweg kieku ma kienx hemm it-tifla u kieku ma kienx jibza' li l-konvenuta ser iccahhdu mit-tifla;

Illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg, Art. 19 (1) (f) Kap. 255;

Illi wahda mill-partijiet, ghalkemm mhux interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg, Art. 19 (1) (h) Kap. 255;

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-2 ta' Ottubru 2004 huwa null ai termini tal-Art. 19 (1) (a), (b), (c), (d), (f) u (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez. Il-konvenuta hija ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D, li permezz taghha, eccepiet:

Illi l-eccipjenti taqbel illi z-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett kollha tal-Ligi, u dan in vista ta' nuqqasijiet u vizzji attribwibbli unikament lill-attur, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-Ligi, esklussivament minhabba nuqqasijiet da parti tal-attur.

Illi jsegwi ghalhekk, illi l-eccipjenti m'ghandhiex tigi kkundannata thallas ebda spejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Rat l-affidavit prodott.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Awissu 2011, li permezz tieghu, fuq talba tal-intimata li ma kienet ressqet ebda prova, il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u kkoncediet lill-istess intimata zmien biex tipprezenta affidavit taghha.

Rat li din il-koncessjoni inghatat inutilment ghaliex l-intimata baqghet ma ressqet ebda prova.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu meta ga kellhom tifla ta' ftit xhur. Jidher li kienu baqghu jghixu flimkien ghand omm l-intimata minn meta twieldet it-tarbija. Iz-zwieg ma rnexxiex.

Ikkunsidrat illi l-unika prova prodotta hija affidavit, ta' pagna wahda, maghmul mill-attur. Ma jwassal lill-Qorti ghall-ebda  certezza dwar l-allegat vizzju tal-kunsens, ghalkemm fil-kuntest, l-istess rikorrenti jsejjes il-kawza tieghu fuq l-Art. 19 (1) (a), (b), (c), (d), u/jew (f), (h).

Ir-rikorrenti jsemmi li beza' li jiccahhad minn bintu jekk ma jizzewwigx. Madanakollu ma semma xejn x'wasslu biex ikollu dan il-biza'. Ghar-rigward tal-kawzali l-ohra, il-Qorti tqis li ma jista' jinstilet xejn mill-ftit linji ta' affidavit li jwassalha biex tiddikjara zwieg null.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------